MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 138/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jason Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jason Spiteri talli mis-7 ta' April 2008 sal-gurnata tallum (8 ta' Mejju 2008) naqas milli jhares kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) – Magt. Dott. A. Micallef Trigona – fid-digriet tieghu li bih tah il-helsien mill-arrest taht garanzija;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Mejju 2008, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Jason Spiteri hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u, wara li rat l-artikolu

579 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu ghall-piena ta’ prigunerija ghal perijodu ta’ erbatax-il gurnata u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni ghar-revoka tal-helsien mill-arrest in vista tar-rikors prezentat kontestwalment;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fl-20 ta’ Mejju 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn il-Qorti astjeniet fit-tieni talba u tordna l-arrest immedjat ta’ l-appellat u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija;
Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazjjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-appellant Avukat Generali qieghed jappella mis-sentenza msemmija peress illi jsostni li l-ewwel Qorti kellha wkoll tghaddi biex tordna r-riarrest ta’ l-appellat. Bhalma qalet l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tal-15 ta’ April 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Kevin Gatt**, it-telfien tal-helsien mill-arrest hi wahda mill-pieni li tista’ tinghata ghar-reat kontemplat fl-artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issa, in materja ta’ piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1]. Dan il-principju japplika ugwalment kemm f’appelli li jsiru mill-persuna misjuba hatja, kif ukoll f’appelli intavolati mill-Avukat Generali.

L-Avukat Generali jsostni illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex jiri ordnat ir-riarrest ta’ l-appellat.

---

1 Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

Minn qari tas-sentenza appellata pero` huwa ovvju illi l-ewwel Qorti kkunsidrat li n-nuqqasijiet ta' l-appellat ma kinux "ta' konsegwenza serja" (ara proviso ta' l-artikolu 579(1) ta' l-istess Kap. 9).

Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti tal-kawza u qieset li fi kwalunkwe kaz l-appellat bhalissa jinsab jiskonta sentenza ohra ta' prigunerija kif giet infurmata l-Qorti llum stess, ma jidhrilhiex li hemm ragunijiet sufficjenti biex iwassluha tvarja d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------